MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 11

9 ta' Marzu 2020

Minuti tas-seduta Nru. 11 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier M. Abela li talab jiġi skużat mill-bidu tas-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Huwa għamel dan permezz ta' imejls datati 7 u 9 ta' Marzu 2020. Il-Kunsill dehrlu li r-raġuni mogħtija kienet valida.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament b'mod elettroniku.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.33.4. tas-seduta preċedenti **(Ref: T/4/10/Vol II)** u ġibdet l-attenzjoni li fuq proposta illi hija ressqet kellu jiżdied paragrafu (d) li jinqara hekk:

> "(d) t-tip ta' *partitions* proposti għandu jkun estetikament imur mal-madwar.".

1.3. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.20.2. dwar l-Iskema *Young Achievers* **(Ref: Z/1/Vol II)** u talab li din tinqara kif ġej:

> *"5.20.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-applikazzjoni fir-rigward tal-iSports Rally ġiet sottomessa. Il-Kunsillier I. Castillo qal li dik tal-Innovation Lab taħt l-istess skema kienet ġiet sottomessa, ukoll.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020 ġew approvati skont l-emendi li saru. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 9876/19 (EA00004/20) – Bini mill-ġdid tal-lukanda Mellieħa Bay (P/5/8/G)

2.1.2. Saret referenza għal minuta 5.4.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal-laqgħa li saret mal-iżviluppaturi fit-18 ta' Frar 2020, fejn ġie spjegat fost aspetti oħra li l-lukanda l-ġdida ser tkun fuq l-istess *footprint* ta' dik attwali, kif ukoll li l-għoli tagħha ser ivarja, iżda mhux ser jaqbeż dak tal-art li tiġi fuq wara. Dawn il-punti ġew ikkonfermati fl-*iscoping meeting* li sar fit-2 ta' Marzu 2020, fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), fejn il-proġett ġie spjeġat aktar fid-dettal mill-perit inkarigat, fil-preżenza ta' dawk kollha nteressati.

2.1.3. Is-Segretarju qal li abbażi tat-tagħrif li nkiseb miż-żewġ laqgħat imsemmija, huwa ressaq il-punti li l-aktar jikkonċernaw lil lokalità sabiex jidħlu fit-termini ta' referenza tal-*Environment Impact Assessment (EIA).* L-istess punti ġew mgħoddija lill-membri eletti kollha qabel ġew sottomessi lill-ERA sat-8 ta' Marzu 2020. Il-punti mqajma kienu jinvolvu:

(a) Indikazzjoni tar-rotot għall-ġarr tat-terrapien u materjal tal-kostruzzjoni minn u lejn is-sit;

(b) Tiġi studjata l-possibiltà li t-terrapien jinġarr minn fuq is-sit bit-trakkijiet u jitgħabba fuq barkun mill-eqreb moll;

(c) F'każ li jiġi addottat il-metodu (b) l-*EIA* għandu jiddetermina il-post fejn it-terrapien għandu jintrema;

(d) Fi kwalunkwe każ, l-*EIA* għandu jistabilixxi l-miżuri li jeħtieġ jittieħdu sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm tixrid ta' terrapien max-xatt u f'qiegħ-il baħar biswit is-sit ta' kostruzzjoni;

(e) Tiġi studjata l-possibiltà li għallinqas parti mit-terrapien jiġi riċiklat u jintuża fuq il-post;

(f) Jiġu determinati l-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqsu t-trabijiet fl-arja waqt li jkun qed isir it-twaqqiegħ, l-iskavar u l-kostruzzjoni.

2.1.4. Il-Kunsill ikkonferma u approva l-punti sottomessi lill-ERA.

### 2.2.1. PIN Project (M/9)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.21.1. tas-seduta ta' qabel li hija ġiet ikkuntattjata mill-Kunsill tal-Arti dwar it-tqegħid ta' monument għoli ħames metri, forma ta' pin. Id-disinn tiegħu rebaħ konkors imniedi minn Infrastructure Malta, liema disinn ġie muri waqt is-seduta. Dan sar minn minn ditta ta' periti u oriġinarjament kellu jsir f'Ħal-Qormi. iżda s-sit magħżul ma ġiex approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi. Il-Kunsill intalab jindika post alternattiv fil-Mellieħa.

2.2.3. Il-Kunsill iddiskuta diversi postijiet u kien hemm qbil li għandu jitwaqqaf fil-parti ta' ġewwa nett fit-Triq tad-Dahar, fuq ir-riħ tal-Irdum tal-Qammieħ.

### 2.3.1. Ipparkjar fi Triq San Ġorġ k/m Triq tas-Salib (T/3/2/Vol XV)

2.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni għall-minuta 5.34.1. tas-seduta ta' qabel u ċċara l-proposta tiegħu fis-sens li huwa talab illi l-parkeġġ jiġi pprojbit faċċata tal-garaxx li għadu kemm inbena, peress li l-aċċess għaliħ qed ikun ostakolat b'vetturi pparkjati. Is-Sur Micallef qal li l-projbizzjoni tal-ħames metri mill-kantuniera ma jsolvu xejn mill-problema ta' sid il-binja li għadha kemm telgħet.

2.3.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal jista jinqala diżgwid fuq liema naħa ser isiru d-*double yellow lines.*

2.3.4. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi verifikata s-sitwazzjoni fuq il-post qabel titkompla d-diskussjoni fuq dan is-suġġett.

**2.4.1. Jum il-Premjazzjoni fl-iskejjel (D/4/Vol IV)**

2.4.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-minuta 5.31.1. tas-seduta ta' qabel u qal li Jum il-Premjazzjoni fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa ser isir fit-30 ta' April 2020, filwaqt li fl-Iskola Sekondarja tan-Naxxar, ser isir fil-5 ta' Mejju 2020.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Ħajt imġarraf fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (W/2/Vol II)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 3.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol fuq il-ħajt tal-Fortizza tas-Salib kien inbeda.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Parlament tas-Sindki u l-*Mayors' Roundtable* (M/4/1/Vol III)**

2.6.2. Is-Sindku D. Vella għarraf lill-Kunsill illi huwa attendenta l-Parlament tas-Sindki li sar fid-29 ta' Jannar 2020 proprju fil-Kamra tad-Deputat, fejn kull sindku kellu l-opportunità jitkellem fuq waħda mill-ħames temi li ġew stabbiliti. Fil-każ tiegħu huwa tkellem fuq il-ħtieġa ta' infurzar tar-regolamenti dwar l-indafa u mġieba f'postijiet ta' rikrejazzjoni pubblika.

2.6.3. Is-Sur Vella qal ukoll li fit-22 ta' Frar 2020 huwa attenda l-*Mayors' Roundtable* li ġiet organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn id-dikussjoni kienet iffukata fuq il-ħolqien ta' żoni pedonali.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar (T/6/1Vol IV)**

2.7.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u pproponiet li l-*clean-up* li jmiss issir fix-xagħra li hemm bejn Triq il-Plejju u Triq in-Naħal, nhar is-Sibt, 25 ta' April 2020 fis-2.00 pm.

2.7.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**2.8.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar (A/3/Vol III)**

2.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 2.3.3. tas-seduta preċedenti dwar il-*Grow Ten Trees Project*. Hija qalet li nstab post eżattament wara l-uffiċċju tal-Bord fil-Park tal-Majjistral, fejn saret sessjoni ta' tħawwil ta' siġar fis-7 ta' Marzu 2020, bil-parteċipazzjoni ta' 57 persuna, fosthom is-Sindku D. Vella, l-Viċi Sindku J. Buttigieg, l-Kunsillieri E. Bartolo, R. Bartolo Cutajar, A. Brincat Stellini, K. Buttigieg, I. Castillo u G. Micallef. Attendew ukoll xi residenti u membri tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti. Hija nnutat li hemm żewġ studenti miż-Żurrieq li jieħdu sehem f'kull attività ta' dan it-tip li tiġi organizzata mill-Kunsill. Sabiex sar dan it-tħawwil ta' siġar intużat kwantità ta' terriċċju li kien fornut mill-*Grow Ten Trees Project* u għaldaqsant ipproponiet li dan jitradd lura mill-Kunsill.

2.8.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Laqgħa msejħa mill-Pulzija tal-Komunità fil-Manikata (P/9/4)

3.1.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-istedina li saret mill-Pulizija tal-Komunità għal laqgħa li ser issir għar-residenti tal-Manikata fl-10 ta' Marzu 2020. Staqsiet jekk hija tistax tattendi fil-kapaċità ta' Kunsilliera.

3.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li kull membru tal-Kunsill huwa liberu li jattendi, iżda ċertament li kull minn ser jagħmel hekk jitqies li jkun qed jagħmel hekk fil-kapaċità rispettiva. Kompla jgħid li minkejja illi saret stedina, fl-opinjoni tiegħu jħoss li l-Pulizija tal-Komunità għandhom jingħataw spażju biżżejjed biex jisimgħu direttament mingħand in-nies.

### 3.2.1. Protokol tal-Kunsill dwar l-imxija Corvid-19 (K/1/8/Vol III)

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk tfassalx xi protokol dwar kif ser ikompli jiffunzjona s-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll il-kuntratturi tiegħu fl-eventwalità ta' miżuri li jistgħu jittieħdu fuq bażi nazzjonali sabiex tiġi mrażżna l-imxija msemmija.

3.2.3. Is-Segretarju wieġeb li l-impjegati tal-Kunsill jistgħu jaħdmu kollha minn djarhom bla problemi permezz tal-*VPN* u bil-faċilità tal-pagamenti onlajn. Minkejja dan tkun teħtieġ preżenza minima sabiex jinħarġu permessi li dawk illi ma jafux jużaw servizzi elettroniċi.

3.2.4. F'dak li jirrigwarda s-servizzi li jirrendi statutorjament il-Kunsill, is-Sindku qal li wieħed għandu jseġwi d-direttivi li jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi nazzjonali.

### 3.3.1. Stat tal-bankina fi Triq Adenau (D/3/1/Vol V)

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-pavimentar tal-bankina fuq il-pont ta' Triq Adenau iddeterjora u f'ċertu postijiet huwa perikoluż. Huwa appella sabiex dan jinbidel.

3.3.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li dan iddaħħal fil-programm tax-xogħol sabiex jitwettaq mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura.

### 3.4.1. Xogħlijiet fir-ramla tal-Għadira (T/4/2/Vol XXI)

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar xogħlijiet li għaddejjin fir-Ramla tal-Għadira.

3.4.3. Is-Segretarju wieġeb li x-xogħol jikkonsisti fi tħaffir ta' trinka sabiex jissaħħaħ il-*main* tad-drenaġġ li ġej miż-żona tal-Aħrax u l-Għadira.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 06/03/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/02/20 – 27/02/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 08/02/20 – 06/03/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz finali Estimi 2020; u
- Abbozz finali tal-Pjan ta' Ħidma 2020-2025.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. PA 703/20 – Twaqqiegħ ta' fond 14/15 fi Triq in-Nofsinhar (P/5/8/N)

5.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija li tinvolvi faċċata li għandha statwa ta' San Pawl b'lapida tal-irħam antika taħtha. Wara konsultazzjoni mal-membri eletti, saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex dawn il-karatteristiċi jiġu konservati.

5.1.3. Il-Kunsill ikkonferma u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.2.1. Laqgħat ma' ġenituri ta' persuni b'diżabilità (P/8/1)

5.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-intenzjoni tagħha hija li tiltaqa' b'mod regolari mal-ġenituri ta' persuni bi bżonnijiet speċjali bil-għan li l-Kunsill jgħinhom f'affarijiet li jixtiequ jaraw jitwettqu, jew sabiex jiġu nfurmati dwar is-servizzi li jistgħu jibbenefikaw minnhom. Hija pproponiet li għat-tnedija ta' dawn il-laqgħat għandu jiġi mistieden iċ-Chairman tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, is-Sur Oliver Scicluna.

5.2.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.3.1. PC 120/19 – Tneħħija ta' *splay* fi Triq Dun Manwel Grima k/m Triq San Ġużepp (P/5/8/D)

5.3.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija hawn fuq li tinvolvi talba sabiex titneħħa *splay* fejn attwalment hemm il-fond "Chetcuti's Corner" sabiex tiġi pariġġ il-kantuniera tan-naħa l-oħra tat-triq.Wara konsultazzjoni permezz tal-imejl mal-membri eletti, saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar favur it-talba, peress li l-kantuniera l-oħra nbniet fis-snin riċenti mingħajr ma kienet indikata fl-iskema bl-i*splay*.

5.3.3. Il-Kunsill ikkonferma u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.4.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Fortizza (T/3/2/Vol XV)

5.4.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 9 tat-13 ta' Jannar 2020, meta ġie deċiż li għandu jintbagħat kwestjonarju lir-residenti ta' Triq il-Fortizza fil-parti bejn Triq il-Bebuna u Triq in-Nases. Tqassmu 28 kwestjonarju filwaqt li kien rispons minn ħames residenti biss, li kollha wieġbu li jaqblu.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-arranġament eżistenti għandu jinżamm.

### 5.5.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XV)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 21 ta' Jannar 2020 li aċċenna għal inċident tat-traffiku li ġara fl-20 ta' Jannar 2020 bil-lejl, meta vettura spaċċat telgħet il-bankina u ħabtet fil-ħajt ta' ġnien li jinsab faċċata ta' Misraħ tas-Salib. L-istess persuna pproponiet li ssir *speed camera* bħala deterrent.

5.5.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li f'Diċembru 2005 kienet saret talba lill-Transport Malta f'dan is-sens.

5.5.4. Il-Kunsill osserva li *speed cameras* jiġu nstallata f'toroq arterjali fejn l-ispiża normalment tkun tiġġustifika l-ispejjeż involuti.

### 5.6.1. Tismija ta' sqaq u moll li jaqbdu ma' Triq il-Marfa (T/4/1/Vol III)

5.6.2. Saret referenza għal talba li mressqa mir-residenti ta' sqaq li jinsab bejn it-trejqa li tagħti għall-moll tat-Tunnara u Dawret il-Mellieħa. L-istess residenti qed jissuġġerixxu li dan jingħata l-isem ta' "Sqaq Stejfen" kif isibuħ attwalment.

5.6.3. Is-Segretarju ppropona li l-moll magħruf tat-Tunnara jsir magħruf b'dan isem b'mod uffiċjali.

5.6.4. Il-Kunsill qabel li l-isqaq imsemmi fil-minuta 5.6.2. aktar 'il fuq għandu jkun magħruf uffiċjalment bħala "Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Marfa", filwaqt li kien approvat is-suġġeriment mressaq skont il-minuta 5.6.3.

**5.7.1. Sistema ta' *one-way* fil-Manikata** **(T/3/2/Vol XV)**

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Marzu 2020, fejn il-Kunsillier M. Abela talab tiġi kkunsidrata mill-ġdid it-talba sabiex ikun hemm sistema ta' *one-way* ċirkulari fil-Manikata. Is-Sur M. Abela talab ukoll li ssir tabella STOP għal min ikun tiela' minn Trejqet il-Ħarrub, kif ukoll l-introduzzjoni ta' miżuri li jnaqqsu l-veloċità li Transport Malta tista' tapprova.

5.7.3. Il-Kunsillier I. Castillo tenna li huwa jaqbel mal-introduzzjoni ta' sistema *one-way* ċirkulari, u ma jarax problema lanqas bil-karozzi tal-linja, peress li *coaches* diġa jgħaddu mit-toroq involuti.

5.7.4. Il-Kunsill innota li l-proposta tal-*one-way* fil-Manikata ġiet diskussa qabel anke mal-awtoritajiet kompetenti u ma twettqitx minħabba li tikkawża aktar diffikultajiet mis-sitwazzjoni attwali, fosthom fir-rigward tar-rotot tal-karozzi tal-linja.

5.7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li jsiru sinjali STOP fi Triq il-Mejjiesa fuq in-naħa li tagħlaq, kantuniera ma' Trejqet il-Ħarrub sabiex tingħata d-dritta lil min ikun tielgħa.

5.7.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet illi minkejja fatt li Triq il-Wilġa u Trejqet il-Ħarrub ingħataw it-tarmak, baqgħu ma sarux sinjali tal-karreġġjata, u għaldaqstant is-sewwieqa qed jitħallew jiddeċiedu huma dwar x'manuvri jaddottaw fis-sewqan, partikolarment f'salib it-toroq.

5.7.7. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li ssir xi forma ta' *centre-strip* jew linji f'nofs Trejqet il-Ħarrub sabiex traffiku li jkun tielgħa ma jaqtax dritt għal ġo Triq il-Mejjiesa.

5.7.8. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi mtennija t-talba sabiex isiru s-sinjali tal-karreġġjata fiż-żewġ toroq imsemmija fil-minuta 5.7.5. u jekk ikun hemm ħtieġa anke ssir laqgħa fuq il-post.

**5.8.1. MCAST - *Educational Outreach Services*** **(E/3/1/Vol IV)**

5.8.2. Saret referenza għall-imejl datat 2 ta' Marzu 2020 mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn għarrfet li d-diriġenti tal-MCAST għandhom l-intenzjoni li jorganizzaw laqgħat informattivi dwar tagħlim tul-il ħajja. Il-Mellieħa ġiet magħżula għal dawn it-tip ta' laqgħat.

5.8.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**5.9.1. *Play equipment* fil-lukanda Mellieħa Bay** **(P/4/6/Vol VI)**

5.9.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Marzu 2020 mibgħut mill-operatur tal-Mellieħa Bay Resort li jixtiequ jagħmlu għotja ta' *play equipment* u ankra antika li jeħtieġ jitneħħew mis-sit tal-Mellieħa Bay Hotel qabel din titwaqqa' fil-ġejjieni qarib.

5.9.3. Kien hemm qbil li l-*play equipment* jitpoġġa fl-ispazju li diġa huwa ċċanjat bil-lastiku illi għadu mhux okkupat . Huwa ssuġġerixxa li l-ankra titpoġġa fil-Mużew tat-Tunnara.

**5.10.1. Danni sofferti fuq vettura reg. JGR 338 fil-Bajja tal-Mixquqa** **(D/5/Vol II)**

5.10.2. Inqara imejl datat 19 ta' Frar 2020 fejn is-sid ta' vettura Reg. JGR 338 qabdet kurduna miksura fil-Bajja tal-Mixquqa. Skont rapport tal-Pulizija, l-inċident ġara fil-15 ta' Frar 2020, filwaqt li ntalab s-servizz tal-irmonk biex il-vettura in kwistjoni tinġarr minn fuq il-post. Dan fil-fatt ma ngħatax, filwaqt li kien hemm ittra f'dan is-sens mill-kumpanija li tipprovdi s-servizz. Skont l-irċevuta sottomessa kellu jinbidel *tyre* li sewa €239.

5.10.3. Il-Kunsill innota li l-ħsara ndikata fir-ritratt kienet tinvolvi l-bankina, fejn il-vettura qatt ma kellha tinstaq.

**5.11.1. Aċċess mill/għall-Mellieħa f'każ ta' emerġenza** **(T/3/2/Vol XV)**

5.11.2. Is-Sindku aċċenna għall-konġestjoni totali li rriżultat fit-toroq kollha lejn il-Mellieħa fl-24 ta' Frar 2020, minħabba nċident tat-traffiku fix-Xemxija. Huwa qal li jkun għaqli li jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex jitfassal pjan ta' kontinġenza li jiġi applikat f'sitwazzjonijiet simili, li mhumiex daqshekk rari.

5.11.3. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal imejl datat 25 ta' Frar 2020 li rrefera għall-istess inċident, fejn intqal li ħafna sewwieqa ippruvaw jagħmlu użu mit-triq tal-Miżieb li traffiku fiha kien staġnat għal kollox minħabba li din mhijiex wiesgħa biżżejjed biex tieħu volum kbir ta' traffiku f'direzzjonijiet opposti. Fl-istess imejl ġie propost li li t-triq tal-Miżieb issir *one-way* lejn Triq Għajn Tuffieħa, filwaqt li Triq il-Mellieħa ssir *one-way* lejn il-Mellieħa.

5.11.4. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li Triq il-Miżieb titwessa' fil-partijiet li ma jinvolvux it-teħid ta' raba. Irrakkomanda wkoll li jkun hemm sistema ta' *intelligent signage* fit-triq tal-Miżieb kantuniera ma' Triq Għajn Tuffieħa, u ma' Triq Lewis Wettinger, kif ukoll fl-Imbordin u l-Manikata. Din is-sistema tkun tista' tiġi attivata kull darba li t-Telgħa tax-Xemxija u t-Telgħa ta' Selmun jkollha tingħalaq.

5.11.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-Miżieb huwa sit skedat bħala Natura 2000 u għalhekk it-twessiegħ tat-triq jista' ma jkunx permess.

5.11.6. Il-Kunsillier E. Bartolo tenna l-proposta li huwa kien diġa ressaq permezz ta' imejl datat 25 ta' Frar 2020, sabiex issir laqgħa ma' Transport Malta bil-għan li jitfassal pjan ta' kontinġenza li jkun jista' jiġi applikat mill-Pulizija meta tinqala l-ħtieġa.

5.11.7. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta li essenzjalment jipproponu li t-triq tal-Miżieb issir *one-way* lejn Triq Għajn Tuffieħa, filwaqt li Triq il-Biedja u Triq il-Mellieħa jsiru *one-way* lejn il-Mellieħa, filwaqt li Triq il-Wilġa u Triq il-Manikata jibqgħu *two-way* sabiex jippermettu ħruġ mill-Manikata fid-direzzjoni tal-Imġarr u San Pawl il-Baħar.

### 5.12.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VI)

5.12.2. Inqara imejl datat 3 ta' Marzu 2020, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' *Easter Egg Hunt* miftuħa għall-pubbliku, u li ser tittella' fil-11 ta' April 2020.

5.12.3. Is-Sindku D. Vella rrefera wkoll għal imejl datat 8 ta' Marzu 2020, fejn l-imsemmija għaqda ser tipparteċipa fil-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art organizzat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, li ser isir f'April fil-Furjana.

5.12.4. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €400 fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

### 5.13.1. Tmiem ta' *bike ride* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (A/6/3/2/Vol 88)

5.13.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-imejl datat 18 ta' Frar 2020 fejn intalab permess sabiex tintemm *bike ride* nhar il-Ħadd 19 ta' April 2020 fil-post imsemmi.

5.13.3. Il-Kunsill ma approvax li l-attività ssir fil-misraħ peress li ż-żona hija waħda pedonali.

### 5.14.1. Projbizzjoni ta' tipjip fil-bajjiet (B/5/Vol IV)

5.14.1. Is-Sindku għarraf li l-Ministeru tal-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima għandhom l-intenzjoni li jikkontrolla t-tipjip f'ċerti bajjiet, fosthom fil-Bajja tal-Mixquqa. Dan billi l-*filters* tagħhom qed jispiċċaw fir-ramel jew fil-baħar, kif ukoll qed jiġi kkawżat dannu għas-saħħa anke għal min ma jpejjipx. Is-Sur D. Vella kompla jgħid li l-Ministeru qed jaħseb fuq żewġ binarji, li jinvolvu projbizzjoni totali, jew waħda parzjali bl-indikazzjoni ta' postijiet fejn jista' isir titpjip. Il-Kunsill intalab jindika kif jaħsibha dwar din intenzjoni.

5.14.2. Il-Kusillier E. Bartolo qal li huwa jaqbel li m'għandux ikun hemm projbizzjoni totali mill-ewwel u għalhekk għal ċertu perjodu għandu t-tipjip għandu jitħalla jsir biss f'postijiet indikati għal dan il-għan.

5.14.3. Il-Kunsill qabel li huwa favur projbizzjoni totali, iżda kemm-il darba jkun hemm restrizzjoni parżjali, il-postijiet fejn it-tipjip ikun permess għandhom jiġu ndikati b'mod li ma jiġux agevolati jew deskriminati stabbilimenti kummerċjali li joperaw fil-bajja.

## 5.15.1. Tnedija tal-Miżura 1 taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għal-Iżvilupp Rurali (P/10/35)

5.15.2. Is-Sindku D. Vella qal li fis-16 ta' Marzu 2020 fil-5.30 pm il-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral ser tniedi din il-miżura li tinvolvi restawr ta' beni artistiċi u kulturali. Huwa qal li din l-attività ser isseħħ fis-Sala tal-Kunsill.

5.15.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fis-Seduta Nru. 3 tat-12 ta' Awwissu 2019 kien ġie deċiż li għandha tiġi rrestawrata n-niċċa tal-Madonna fil-Marfa li ġġarfet bl-elementi. Huwa qal li mill-indikazzjonijiet li għandu, din l-inizjattiva hija eliġibbli taħt din il-miżura.

5.15.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 5.16.1. Ħarsien tal-qniefed (T/3/2/Vol XV)

5.16.2. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li jitwaħħlu tabelli li jindikaw il-preżenza tal-qniefed fit-Telgħa ta' Selmun, fit-Triq tal-Miżieb u fi Triq l-Armier ġewwa l-Aħrax.

5.16.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li din l-inizjattiva kienet ittieħdet xi żmien qabel minn Nature Trust u jista' ikun li l-postijiet imsemmija huma diġa koperti.

5.16.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru l-verifiki meħtieġa biex dawn il-tabelli jitwaħħlu fuq il-post.

## 5.17.1. Skema dwar sistemi ta' CCTV (C/9)

5.17.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar is-suġġett t'hawn fuq fis-Seduta Nru. 8 tas-16 ta' Diċembru 2019, kif ukoll għal imejl datat 26 ta' Frar 2020 fejn ir-Reġjun Tramuntana talab lill-Kunsilli fi ħdanu sabiex jindikaw postijiet fejn jistgħu jsiru żewġ *cameras*.

5.17.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ppropona li dawn jiġu nstallati fil-Park tal-Familja sabiex issir sorveljanza fuq il-*multi-purpose court* u l-korsa, kif ukoll fil-parti fejn hemm l-*open air gym*.

5.17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti

## 5.18.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XVI)

5.18.2. Is-Sindku D. Vella ppropona li s-serata tat-23 ta' Lulju 2020, issir taħt il-patroċinju tas-Segretarju Parlamentari tas-Servizzi Finanzjarji u l-Ekonomija Diġitali, l-Onor. Clayton Bartolo. Huwa għamel din il-proposta minħabba li r-rabta tal-Onor. Bartolo mal-Mellieħa, filwaqt li serva bħala Kunsillier u Viċi-Sindku fil-Kunsill Lokali.

5.18.3. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li l-attività tkun taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta peress li l-Eċċ. Tiegħu George Vella huwa fl-ewwel sena tal-presidenza tiegħu. Huwa ssuġġerixxa li l-għażla m'għandhiex tmur fuq persuni oħra, kemm-il darba jkun hemm konferma minn naħa tal-President.

5.18.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.18.2.

## 5.19.1. Kampanja dwar is-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

5.19.2 Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li fit-28 ta' Frar 2020 saret laqgħa ma' Sur Matthew Muscat mill-Wasteserv, fejn fost materji oħra ġie diskuss il-post fejn qed jipparkja it-trakk illi

jiġbor polystyrene (jablo), plastik, ħġieġ, karta, kartun, metal, żejt tat-tisjir, bozoz, u tessuti, fost oħrajn. Attwalment dan qiegħed jiġi pparkjart f'Misraħ il-Parroċċa, fejn il-konkorrenza mill-pubbliku kienet baxxa ħafna. Fl-istess laqgħa ġie propost li t-trakk jiġi pparkjat fi Triq l-Għoljiet biswit Ġnejnet l-Emigranti, fejn ikun aktar viżibbli mill-pubbliku.

5.19.3 Il-Kunsill approva l-post indikat.

5.19.4 Is-Sinjura R. Bartolo Cutajar għarrfet ukoll li fl-istess laqgħa kien miftiehem li tinġabar lista ta' residenti li għandhom ma ġabrux il-*bins* għas-separazzjoni tal-iskart sabiex jintalbu lill-Wasteserv u jkunu jistgħu jingħataw mill-uffiċċju tal-Kunsill.

5.19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. Ħtieġa ta' *crash barriers* f'Paradise Bay **(T/3/2/Vol XV)**

5.18.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-inċident li ġara fil-25 ta' Frar 2020 fit-trejqa li tagħti fuq ir-riħ ta' Paradise Bay, fejn trakk waqa' diversi metri. Hija pproponiet li ssir *crash barrier* tal-ħadid sabiex tilqa' għal dan it-tip ta' nċidenti.

5.18.3. Il-Kunsill approva li ssir crash barrier fejn hemm il-*winch* għall-bajja.

## 5.19.1. Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena **(P/5/2/Vol II)**

5.19.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għal sit ta' kostruzzjoni li jinsab biswit it-taraġ imsemmi. Huwa spjega li l-ħajt illi kien qed iżomm it-terrapien ta' taħt it-taraġ, issa m'hemm xejn taħtu. Dan irrenda t-taraġ perikoluż u kellu jingħalaq għall-pubbliku. Minkejja dan, il-kuntrattur għabba lit-taraġ bil-materjal tal-kostruzzjoni u b'hekk żied il-periklu li jista' jaqa'.

5.19.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa kellem lill-iżviluppatur waqt li kien qed isir l-*Environment Visual Audit* f'Santa Marija Estate mal-Pulizija tal-Komunità.

5.19.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-iżviluppatur allega li kellu l-permess mill-Kunsill biex jagħmel dan.

5.19.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ebda permess ma nħareġ, u fil-fatt intalab l-intervent tal-Pulizija tal-Komunità. Sussegwentement l-iżviluppatur għamel kuntatt miegħu u għarfu li sa Ġunju 2020 huwa jkun bena mill-ġdid il-ħajt ta' mat-taraġ u allura t-taraġ ikun jista' jinfetaħ għall-pubbliku. Is-Sur C. Debono qal li qatt ma nħareġ permess la biex jitqiegħed makkinarju u/jew materjal tal-kostruzzjoni u lanqas biex jiġi okkupat it-taraġ. Intant sar anke rapport lill-*Building Regulation Office* dwar l-istat tat-taraġ.

5.19.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir kuntatt mal-iżviluppatur sabiex jiġi stabbilit meta ser ikun lest ix-xogħol, u jekk ikun hemm ħtieġa anke ssir żjara fuq il-post mill-perit tal-Kunsill.

## 5.20.1. Qsari fi Triq il-Madonna ta' Fatima **(P/4/17)**

5.20.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li l-qsari illi kien hemm fi triq imsemmija, bejn Triq il-Kappillan Magri u Triq Ġorġ Borġ Olivier jeħtieġ li jitrawwmu mill-ġdid, peress li ddeterjoraw.

5.20.3. Is-Segretarju ħa nota sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

## 5.21.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin **(T/3/2/Vol XV)**

5.21.2. Il-Kunsillier I. Castillo ressaq lista ta' 22 firmatarju li qed jitolbu sabiex jiġu ntrodotti miżuri bil-għan li titnaqqas il-veloċità tal-vetturi fi Triq il-Qortin.

5.21.3. Is-Sindku kkummenta li wħud mir-residenti mhumiex konxji li l-introduzzjoni ta' miżuri biex titnaqqas il-veloċità tista' tfisser il-ġenerazzjoni ta' storbju li jdejjaq lill-istess residenti. Is-Sur

D. Vella qal li l-lista mhijiex rappreżentattiva biżżejjed u jista' jkun li hemm firmatarji fl-istess petizzjoni li qed jassumu illi l-miżuri mhux ser ikunu qrib ir-residenza tagħhom.

5.21.4. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa qed jipproponi li tiġi segwit l-proċedura normali permezz ta' kwestjonarju, kif sar f'talbiet simili.

5.21.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja teħtieġ aktar diskussjoni, bil-għan li jiġu stabbiliti l-mostoqsijiet li għandhom isiru fil-kwestjonarju, ossija:

(a) it-tip ta' miżuri li għandhom jiġu ntrodotti; u

(b) il-postijiet eżatt fejn dawn għandhom jiġu sabiex ikunu effettivi.

## 5.22.1. Spusstjar ta' arblu fi Triq ir-Rattan (E/1/3/Vol IV)

5.22.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għall-arblu ta' lampa tat-triq (Y091) li jinsab bejn Triq il-Fortizza u Triq Ta' Masrija. Huwa qal li sid il-fond illi quddiemu hemm l-arblu in kwistjoni qed jitlob li dan jitmexxa b'madwar 15-il ċentimetru sabiex jiġi eżatt bi dritt il-ħajt tal-appoġġ.

5.22.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li hija qajmet din it-talba permezz ta' imejl li hija bagħtet lis-Segretarjat tal-Kunsill fit-13 ta' Frar 2019.

5.22.4. Is-Segretarju qal li eżattament wara li saret din it-talba, is-sid tal-fond għadda pajp eżatt fl-istess post fejn talab li jiġi spusstjat l-arblu u minkejja dan baqa' jsosstni t-talba tiegħu. Kompla jgħid li ttieħed il-parir tal-kuntrattur konċernat, li minn naħa tiegħu sosstna li huwa ma jieħux ir-riskju li jtaqqab il-bankina bil-preżenza tal-pajp imsemmi u l-*interception trap* tad-drenaġġ li tappartjeni l-fond li hemm biswit.

5.22.5. Is-Sur I. Castillo qal li huwa appella lil min għamel it-talba sabiex jiftaħ l-ispazju fil-bankina bejn il-pajp u l-*interception trap* sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx spazju biżżejjed biex tgħaddi il-baromina li tħaffer għall-arbli. Huwa qal li mill-esperjenza li għandu fuq dan ix-xogħol, ma jarax li l-ispustjar għandu jkun problema.

5.22.6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li s-sid ma kellu ebda dritt imiss il-bankina, filwaqt li l-pożizzjoni addottat mill-Kunsill dwar l-ispustjar tal-arblu kienu ibbażata fuq il-parir tal-kuntrattur.

5.22.7. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir spezzjoni fuq il-post fil-preżenza tal-kuntrattur u l-*Contract Manager*.

## 5.23.1. Aġġornament tal-*mobile app* tal-Kunsill (I/1/3/Vol VI)

5.23.2. Is-Sindku ppropona li wieħed għandu jara x'tiġdid u titjib għandu jsir fil-*mobile app* tal-Kunsill u għalhekk ippropona li jiġu jdentifikati l-fatturi sabiex tiġi stabbilita l-ispiża nvoluta.

5.23.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 5.24.1. Tabella tal-ipparkjar bil-ħin fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol XV)

5.24.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għat-tabella msemmija li tinsab 'il fuq mil-kantuniera ma' Triq il-Qalb Imqaddsa. Huwa qal li din qed tiżgwida lis-sewwieqa, peress li għandha tkun hekk kif wieħed jaqbeż l-area mmarkata bħala KEEP CLEAR, ossija 'l isfel mill-kantuniera msemmija.

5.24.3. Ittieħdet nota sabiex it-tabella tiġi spusstjata kif indikat.

## 5.25.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppropniet illi l-ħarġa li jmiss ssir fil-Mużew tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali, il-Furjana fis-26 ta' Marzu 2020.

5.25.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.26.1. Taħditiet għaż-żgħażagħ** **(Z/1/Vol V)**

5.26.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 5.30.1. tas-seduta preċedenti u qal li t-taħdita dwar is-c*yberbullying* li saret fit-28 ta' Frar 2020 kien hemm attendenza tajba għaliha, tant li anke aċċenna għaliha l-Ministru tal-Intern l-Onor. Byron Camilleri permezz tal-media soċjali fejn semma li din kienet eżempju ta' kollaborazzjoni bejn il-Pulizija u l-Kunsilli Lokali għall-benefiċċju tal-komunità.

5.26.3. Is-Sur K. Buttigieg ppropona li t-tieni taħdita issir fis-Sala tal-Kunsill fis-27 ta' Marzu 2020 fit-8.00pm u tkun titratta d-droga u l-alkoħol, bis-sehem ta' kelliem mir-*Rapid Intervention Unit* tal-Pulzija u l-konsulent dwar il-Pulizija tal-Komunità, is-Sur Christopher Bull.

5.26.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

5.26.5. Is-Sur K. Buttigieg qal ukoll li huwa ġie kkuntattjat mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mis-Servizzi Finanzarji u l-Ekonomija Diġitali dwar l-intenzjoni tiegħu li jinħatar Ambaxxatur dwar *Cyberbullying* li jkun jista' jagħti taħditiet liż-żgħażagħ.

**5.27.1. Attività sportiva flimkien mal-Malta Employees Sports Association**
**(S/6/Vol IV)**

5.27.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa ġie avviċinat mill-organizzazzjoni msemmija li qed tikkolabora mal-Kunsilli ta' lokalitajiet differenti sabiex jsiru ġirjiet ta' ħames kilometri għall-impjegati tan-negozji. Attivitajiet simili diġa saru mal-Kunsill tal-Belt Valletta u tal-Birgu. Qed jiġi propost li l-ġirja fil-Mellieħa ssir fi Triq l-Armier nhar l-Erbgħa 15 ta' April 2020 fil-5.00 pm.

5.27.3. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-attività sakemm l-involviment finanzjarju ma jkunx jaqbeż €300, filwaqt li permessi u ħlas tal-Pulizija u/jew Uffiċċjali tal-Komunità jkun a karigu tal-Assoċjazzjoni. Intalab ukoll sabiex ssir talba formali minn naħa tal-Assoċjazzjoni.

**5.28.1. *Sports Rally*** **(S/4/2/Vol IV)**

5.28.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa kellu kuntatti mal-Mellieħa Sports Club dwar l-iSports Rally li kien jiġi organizzat sal-2002. Huwa aċċenna li fl-Estimi Annwali 2020 kien hemm allokazzjoni ta' €2,000, filwaqt li permezz tal-Iskema *Young Achievers* intalbet għotja ta' €3,000. Il-MSC qed jipproponu li l-avveniment jseħħ fl-Lulju bejn l-istaġuni ta' diversi dixxiplini sportivi. Is-Sur K. Buttigieg qal li għaddejjin kuntatti dwar it-tagħmir meħtieġ u minn fejn dan jista' jinkiseb jew jinkera.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. Ċentru ta' Matul il-Jum** **(A/1/2/Vol VII)**

5.29.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li d-Dipartment tal-Kura Primarja u ċ-Ċentru tal-Anżjanità Attiva qed jikkordinaw mal-Kunsill taħdita dwar riskji marbuta mal-artrite. L-intenzjoni hija li din issir fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fit-30 ta' Marzu 2020 fl-10.00am.

5.29.3. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet li hija ġiet mitluba sabiex il-Kunsill jikkordina taħditiet minn professjonisti, bħal nutara, avukati u periti, għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

5.29.4. Il-Kunsillier I. Castillo qal li jkun utli wkoll illi uffiċjali minn entitajiet Gvern jinfurmaw lill-anzjani dwar servizzi li jappellaw għalihom.

5.29.5. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Mellieħa ħa l-"*Best Active Aging Centre Award 2019*", wara li kien ġie nnominat mid-Dipartiment li jaqa' taħtu.

**5.30.1. *Workshop* tal-*EDEN Network*** **(T/12/2/Vol II)**

5.30.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fis-7 ta' Frar 2020 hija attendiet *workshop* organizzat mill-Ministeru tat-Turiżmu dwar kif tista' tingħata promozzjoni lill-EDEN Network bil-għan li aktar lokalitajiet Maltin ikunu aktar konxji tal-benefiċċji li joħorġu minnu u jissieħbu fih. Il-*workshop* kien faċilitat mis-Sinjuri Moira Pisani u Kim Vella mill-istess Ministeru. Il-Kunsilli rappreżentati kienu tal-Qrendi u Ħaż-Żabbar. Il-Mellieħa hija kkunsidrata bħala l-aktar membru attiv fl-EDEN f'Malta u Għawdex.

5.30.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.31.1. Postijiet riżervati għall-persuni b'diżabilità f'Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Kbira (P/8/2/Vol IV)**

5.31.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li saritlu proposta sabiex ikun hemm żewġ postijiet alternattivi għall-vetturi ta' persuni b'diżabilità meta ma jkunx jista' isir użu minn dawk it-tnejn li jinsabu fejn id-daħla għall-Belveder tas-Sur.

5.31.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li kien hemm ukoll imejl datat 5 ta' Marzu 2020 mibgħut mill-Kunsillier I. Castillo f'dan is-sens.

5.31.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li jkun hemm post riżervat ieħor fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq Salvinu Vella, u ieħor kantuniera ma' Triq it-Tramuntana.

5.31.5. Fid-dawl tal-fatt li tneħħa l-post riżervat temporanjament fi Triq Salvinu Vella, biswit il-knisja, il-Kunsill qabel li għandu jsir post simili fi Triq San Pawl faċċata ta' Triq Salvinu Vella quddiem is-sede tas-Società Filarmonica La Vittoria.

5.31.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irrimarkat li jeżistu postijiet riżervati għall- persuni b'diżabilità f'Misraħ il-Parroċċa u fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq in-Nasses li mhumiex wiesgħin biżżejjed sabiex jinfetħu l-bibien tal-vettura mingħajr xkiel.

5.31.7. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi verifikat dwar jekk il-postijiet imsemmija għandhomx spazju adekwat, u jekk dan ma jkun il-każ, għandu jittieħed mill-ispażju ta' biswithom.

**6.1. Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier** **(T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)**

6.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li saru rappreżentazzjonijiet bil-kitba mal-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali fejn ġew konkretizzati l-proposti tal-Kunsill intiżi li jnaqqsu t-traġitt tal-karozzi tal-linja fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Kompla jgħid li dawn ġew mgħoddija lil Transport Malta sabiex iservu bħala bażi ta' diskussjoni fl-laqgħa bejn il-partijiet konċernati.

6.3. Is-Sur J. Buttigieg kkummenta li wara l-laqgħa li saret mal-Pulizija tal-Komunità sar rondi darba biss, iżda jeħtieġ li dan ikun regolari biex jitħalla l-effett mixtieq. Ippropona wkoll li ssir laqgħa mas-Supretendent tal-LESA sabiex huma wkoll jgħinu f'dan ir-rigward.

6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella, illi tgħid:-**

**"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*, ma` l-Environmental Landscapes Consortium Ltd għaddielu t-terminu tiegħu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti MLC 10/2019 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2020, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3061; u**

**Billi saret evalwazzjoni tas-sitt offerti li ġew sottomessi bil-għajnuna ta' rapport dwar konformità mal-Linji Gwida Nazzjonali dwar il-*Green Public Procurement*, fejn irriżulta**

**li l-offerta (123320) ta' Sandro Caruana kienet l-aktar waħda bi prezz baxx u konformi mar-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi inklużi fid-dokument tal-offerta;**

**Billi l-offerent Sandro Caruana, permezz ta' notifika datata 25 ta' Frar 2020, irrifjuta li jonora l-offerta tiegħu minħabba raġunijiet li huwa ta;**

**Jirriżolvi illi l-kuntratt għandu jingħata lit-tieni offerent ippreferut, is-Sur Alistair Bezzina, bl-offerta tiegħu 123318, li tinvolvi spiża globali għal erba' snin ta' €66,720, esklużа l-V.A.T."** **(K/6/3/Vol III)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini, illi tgħid:-

**"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għaż-Zamma ta' Latrini Pubbliċi għaddielu t-terminu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti MLC 8/2019 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2020, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3053; u**

**Billi saret evalwazzjoni tal-erba' offerti li ġew sottomessi bil-għajnuna ta' rapport dwar konformità mal-Linji Gwida Nazzjonali dwar il-*Green Public Procurement*, fejn irriżulta li l-offerta 120512 kienet l-aktar waħda li ġabet punteġġ għoli, liema punteġġ jiddependi minn diversi kriterji approvati mid-Dipartiment tal-Kuntratti, marbuta mar-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi inklużi fid-dokument tal-offerta, kif ukoll l-ispiża;**

**Jirriżolvi illi l-kuntratt għandu jingħata lill-Antoine Fenech, bl-offerta tiegħu li tinvolvi spiża annwali ta' €57,659.12, esklużа l-V.A.T."** **(L/3/Vol II)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 9/2019, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi titjib fiċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme;**

**Billi saru rapporti tekniċi minn inġinier u perit u evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tal-unika offerta li saret, skont rapport datat 27 ta' Frar 2020; u**

**Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2020 ġew ivvutati fondi fil-Vot 7505 bis-saħħa ta' finanzjament approvat taħt il-Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020 skont ftehim bir-referenza ERDF.PA5.0115;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Aretrop Ltd, illi rriżulta li ssottomettew l-inqas offerta finanzjarja, filwaqt li kienu wkoll konformi mal-kriterji stabbiliti fid-dokument tal-offerta.".** **(P/10/30)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella li tgħid:

**"Billi ċerti assi permanenti fil-kategorija ta` Tagħmir tal-Uffiċċju u Għamara, ma baqgħux jintużaw minħabba li qdiemu, liema assi ġew identifikati skont il-lista li tidher hawn taħt:**

| Referenza ta` l-Assi Fissi | Dettalji | Valur Originali ta` l-Assi |
|---|---|---|
| **E011** | ***Refridgerator*** | **€221.29** |
| **E067** | ***Computer Unit*** | **€698.81** |
| **E069** | ***Laser Printer*** | **€714.65** |
| **E073** | ***Computer Tower*** | **€645.24** |
| **E075** | ***Computer Unit*** | **€862.00** |
| **E079** | ***Note Book Computer*** | **€525.00** |
| **F132-134** | ***Wall Clocks*** | **€44.10** |
| **F206** | ***Swivel Chair*** | **€450.00** |
| | **Total:** | **4,161,09** |

**Il-Kunsill jirriżolvi li dawn jinqatgħu mill-inventarju skont il-Proceduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), Paragrafu 1.16b.01."**

**Billi l-proġetti msemmija hawn taħt kellhom jitwarrbu minħabba raġunijiet li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom, liema proposti jinkludu:**

| | |
|---|---|
| **Vot: 7502** | **Kisi mill-ġdid ta' Triq l-Armier iż-Żgħir** |
| **Vot: 7520** | **Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ il-Parroċċa (Manikata) flimkien ma' parkeġġ taħt il-livell tagħha.** |

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-ispejjeż li laħqu saru fuq it-tfassil tagħhom, m'għandhomx jibqgħu jidhru fuq il-kotba bħala spiża fuq assi li għandhom ma ġewx kapitalizzati.". (F/1/2/Vol VIII)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

## 11.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-

**"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u**

**U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 7, 8, u 9 tat-13 ta' Novembru 2019, 16 ta' Diċembru 2019, u 13 ta' Jannar 2020, rispettivament, kif ukoll saru żewġ laqgħat tal-lokalità separati għar-residenti fil-Mellieħa u l-Manikata, fid-29 u t-30 ta' Jannar 2020, skont ma jitlob l-imsemmi Att;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2020 u l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2020/2024, skont l-abbozz finali mressaq.".**
**(F/1/31)**

11.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

12.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 6 ta' Marzu 2020.

12.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

12.4. Tressqet wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn l-1 u s-27 ta' Frar 2020

12.5. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-8 ta' Frar u s-6 ta' Marzu 2020.

12.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.15 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' 2020 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 11

9 ta' Marzu 2020

Minuti tas-seduta Nru. 11 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier M. Abela li talab jiġi skużat mill-bidu tas-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Huwa għamel dan permezz ta' imejls datati 7 u 9 ta' Marzu 2020. Il-Kunsill dehrlu li r-raġuni mogħtija kienet valida.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament b'mod elettroniku.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.33.4. tas-seduta preċedenti **(Ref: T/4/10/Vol II)** u ġibdet l-attenzjoni li fuq proposta illi hija ressqet kellu jiżdied paragrafu (d) li jinqara hekk:

"(d) t-tip ta' *partitions* proposti għandu jkun estetikament imur mal-madwar.".

1.3. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.20.2. dwar l-Iskema *Young Achievers* **(Ref: Z/1/Vol II)** u talab li din tinqara kif ġej:

*"5.20.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-applikazzjoni fir-rigward tal-iSports Rally ġiet sottomessa. Il-Kunsillier I. Castillo qal li dik tal-Innovation Lab taħt l-istess skema kienet ġiet sottomessa, ukoll.".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020 ġew approvati skont l-emendi li saru. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 9876/19 (EA00004/20) – Bini mill-ġdid tal-lukanda Mellieħa Bay (P/5/8/G)

2.1.2. Saret referenza għal minuta 5.4.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal-laqgħa li saret mal-iżviluppaturi fit-18 ta' Frar 2020, fejn ġie spjegat fost aspetti oħra li l-lukanda l-ġdida ser tkun fuq l-istess *footprint* ta' dik attwali, kif ukoll li l-għoli tagħha ser ivarja, iżda mhux ser jaqbeż dak tal-art li tiġi fuq wara. Dawn il-punti ġew ikkonfermati fl-i*scoping meeting* li sar fit-2 ta' Marzu 2020, fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), fejn il-proġett ġie spjeġat aktar fid-dettal mill-perit inkarigat, fil-preżenza ta' dawk kollha nteressati.

2.1.3. Is-Segretarju qal li abbażi tat-tagħrif li nkiseb miż-żewġ laqgħat imsemmija, huwa ressaq il-punti li l-aktar jikkonċernaw lil lokalità sabiex jidħlu fit-termini ta' referenza tal-*Environment Impact Assessment (EIA)*. L-istess punti ġew mgħoddija lill-membri eletti kollha qabel ġew sottomessi lill-ERA sat-8 ta' Marzu 2020. Il-punti mqajma kienu jinvolvu:

(a) Indikazzjoni tar-rotot għall-ġarr tat-terrapien u materjal tal-kostruzzjoni minn u lejn is-sit;

(b) Tiġi studjata l-possibiltà li t-terrapien jinġarr minn fuq is-sit bit-trakkijiet u jitgħabba fuq barkun mill-eqreb moll;

(c) F'każ li jiġi addottat il-metodu (b) l-*EIA* għandu jiddetermina il-post fejn it-terrapien għandu jintrema;

(d) Fi kwalunkwe każ, l-*EIA* għandu jistabilixxi l-miżuri li jeħtieġ jittieħdu sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm tixrid ta' terrapien max-xatt u f'qiegħ-il baħar biswit is-sit ta' kostruzzjoni;

(e) Tiġi studjata l-possibiltà li għallinqas parti mit-terrapien jiġi riċiklat u jintuża fuq il-post;

(f) Jiġu determinati l-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqsu t-trabijiet fl-arja waqt li jkun qed isir it-twaqqiegħ, l-iskavar u l-kostruzzjoni.

2.1.4. Il-Kunsill ikkonferma u approva l-punti sottomessi lill-ERA.

### 2.2.1. PIN Project (M/9)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.21.1. tas-seduta ta' qabel li hija ġiet ikkuntattjata mill-Kunsill tal-Arti dwar it-tqegħid ta' monument għoli ħames metri, forma ta' pin. Id-disinn tiegħu rebaħ konkors imniedi minn Infrastructure Malta, liema disinn ġie muri waqt is-seduta. Dan sar minn minn ditta ta' periti u oriġinarjament kellu jsir f'Ħal-Qormi. iżda s-sit magħżul ma ġiex approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi. Il-Kunsill intalab jindika post alternattiv fil-Mellieħa.

2.2.3. Il-Kunsill iddiskuta diversi postijiet u kien hemm qbil li għandu jitwaqqaf fil-parti ta' ġewwa nett fit-Triq tad-Dahar, fuq ir-riħ tal-Irdum tal-Qammieħ.

### 2.3.1. Ipparkjar fi Triq San Ġorġ k/m Triq tas-Salib (T/3/2/Vol XV)

2.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni għall-minuta 5.34.1. tas-seduta ta' qabel u ċċara l-proposta tiegħu fis-sens li huwa talab illi l-parkeġġ jiġi pprojbit faċċata tal-garaxx li għadu kemm inbena, peress li l-aċċess għalih qed ikun ostakolat b'vetturi pparkjati. Is-Sur Micallef qal li l-projbizzjoni tal-ħames metri mill-kantuniera ma jsolvu xejn mill-problema ta' sid il-binja li għadha kemm telgħet.

2.3.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal jista jinqala diżgwid fuq liema naħa ser isiru d-*double yellow lines.*

2.3.4. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi verifikata s-sitwazzjoni fuq il-post qabel titkompla d-diskussjoni fuq dan is-suġġett.

**2.4.1. Jum il-Premjazzjoni fl-iskejjel (D/4/Vol IV)**

2.4.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-minuta 5.31.1. tas-seduta ta' qabel u qal li Jum il-Premjazzjoni fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa ser isir fit-30 ta' April 2020, filwaqt li fl-Iskola Sekondarja tan-Naxxar, ser isir fil-5 ta' Mejju 2020.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Ħajt imġarraf fi Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (W/2/Vol II)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 3.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol fuq il-ħajt tal-Fortizza tas-Salib kien inbeda.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Parlament tas-Sindki u l-*Mayors' Roundtable* (M/4/1/Vol III)**

2.6.2. Is-Sindku D. Vella għarraf lill-Kunsill illi huwa attendenta l-Parlament tas-Sindki li sar fid-29 ta' Jannar 2020 proprju fil-Kamra tad-Deputat, fejn kull sindku kellu l-opportunità jitkellem fuq waħda mill-ħames temi li ġew stabbiliti. Fil-każ tiegħu huwa tkellem fuq il-ħtieġa ta' infurzar tar-regolamenti dwar l-indafa u mġieba f'postijiet ta' rikrejazzjoni pubblika.

2.6.3. Is-Sur Vella qal ukoll li fit-22 ta' Frar 2020 huwa attenda l-*Mayors' Roundtable* li ġiet organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn id-dikussjoni kienet iffukata fuq il-ħolqien ta' żoni pedonali.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar (T/6/1Vol IV)**

2.7.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u pproponiet li l-*clean-up* li jmiss issir fix-xagħra li hemm bejn Triq il-Plejju u Triq in-Naħal, nhar is-Sibt, 25 ta' April 2020 fis-2.00 pm.

2.7.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**2.8.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar (A/3/Vol III)**

2.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-minuta 2.3.3. tas-seduta preċedenti dwar il-*Grow Ten Trees Project*. Hija qalet li nstab post eżattament wara l-uffiċċju tal-Bord fil-Park tal-Majjistral, fejn saret sessjoni ta' tħawwil ta' siġar fis-7 ta' Marzu 2020, bil-parteċipazzjoni ta' 57 persuna, fosthom is-Sindku D. Vella, l-Viċi Sindku J. Buttigieg, l-Kunsillieri E. Bartolo, R. Bartolo Cutajar, A. Brincat Stellini, K. Buttigieg, I. Castillo u G. Micallef. Attendew ukoll xi residenti u membri tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti. Hija nnutat li hemm żewġ studenti miż-Żurrieq li jieħdu sehem f'kull attività ta' dan it-tip li tiġi organizzata mill-Kunsill. Sabiex sar dan it-tħawwil ta' siġar intużat kwantità ta' terriċċju li kien fornut mill-*Grow Ten Trees Project* u għaldaqsant ipproponiet li dan jitradd lura mill-Kunsill.

2.8.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Laqgħa msejħa mill-Pulzija tal-Komunità fil-Manikata (P/9/4)

3.1.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-istedina li saret mill-Pulizija tal-Komunità għal laqgħa li ser issir għar-residenti tal-Manikata fl-10 ta' Marzu 2020. Staqsiet jekk hija tistax tattendi fil-kapaċità ta' Kunsilliera.

3.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li kull membru tal-Kunsill huwa liberu li jattendi, iżda ċertament li kull minn ser jagħmel hekk jitqies li jkun qed jagħmel hekk fil-kapaċità rispettiva. Kompla jgħid li minkejja illi saret stedina, fl-opinjoni tiegħu jħoss li l-Pulizija tal-Komunità għandhom jingħataw spażju biżżejjed biex jisimgħu direttament mingħand in-nies.

### 3.2.1. Protokol tal-Kunsill dwar l-imxija Corvid-19 (K/1/8/Vol III)

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk tfassalx xi protokol dwar kif ser ikompli jiffunzjona s-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll il-kuntratturi tiegħu fl-eventwalità ta' miżuri li jistgħu jittieħdu fuq bażi nazzjonali sabiex tiġi mrażżna l-imxija msemmija.

3.2.3. Is-Segretarju wieġeb li l-impjegati tal-Kunsill jistgħu jaħdmu kollha minn djarhom bla problemi permezz tal-*VPN* u bil-faċilità tal-pagamenti onlajn. Minkejja dan tkun teħtieġ preżenza minima sabiex jinħarġu permessi li dawk illi ma jafux jużaw servizzi elettroniċi.

3.2.4. F'dak li jirrigwarda s-servizzi li jirrendi statutorjament il-Kunsill, is-Sindku qal li wieħed għandu jseġwi d-direttivi li jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi nazzjonali.

### 3.3.1. Stat tal-bankina fi Triq Adenau (D/3/1/Vol V)

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-pavimentar tal-bankina fuq il-pont ta' Triq Adenau iddeterjora u f'ċertu postijiet huwa perikoluż. Huwa appella sabiex dan jinbidel.

3.3.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li dan iddaħħal fil-programm tax-xogħol sabiex jitwettaq mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura.

### 3.4.1. Xogħlijiet fir-ramla tal-Għadira (T/4/2/Vol XXI)

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar xogħlijiet li għaddejjin fir-Ramla tal-Għadira.

3.4.3. Is-Segretarju wieġeb li x-xogħol jikkonsisti fi tħaffir ta' trinka sabiex jissaħħaħ il-*main* tad-drenaġġ li ġej miż-żona tal-Aħrax u l-Għadira.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 06/03/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/02/20 – 27/02/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 08/02/20 – 06/03/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz finali Estimi 2020; u
- Abbozz finali tal-Pjan ta' Ħidma 2020-2025.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. PA 703/20 – Twaqqiegħ ta' fond 14/15 fi Triq in-Nofsinhar (P/5/8/N)

5.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija li tinvolvi faċċata li għandha statwa ta' San Pawl b'lapida tal-irħam antika taħtha. Wara konsultazzjoni mal-membri eletti, saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex dawn il-karatteristiċi jiġu konservati.

5.1.3. Il-Kunsill ikkonferma u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.2.1. Laqgħat ma' ġenituri ta' persuni b'diżabilità (P/8/1)

5.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-intenzjoni tagħha hija li tiltaqa' b'mod regolari mal-ġenituri ta' persuni bi bżonnijiet speċjali bil-għan li l-Kunsill jgħinhom f'affarijiet li jixtiequ jaraw jitwettqu, jew sabiex jiġu nfurmati dwar is-servizzi li jistgħu jibbenefikaw minnhom. Hija pproponiet li għat-tnedija ta' dawn il-laqgħat għandu jiġi mistieden iċ-Chairman tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, is-Sur Oliver Scicluna.

5.2.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.3.1. PC 120/19 – Tneħħija ta' *splay* fi Triq Dun Manwel Grima k/m Triq San Ġużepp (P/5/8/D)

5.3.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija hawn fuq li tinvolvi talba sabiex titneħħa *splay* fejn attwalment hemm il-fond "Chetcuti's Corner" sabiex tiġi pariġġ il-kantuniera tan-naħa l-oħra tat-triq.Wara konsultazzjoni permezz tal-imejl mal-membri eletti, saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar favur it-talba, peress li l-kantuniera l-oħra nbniet fis-snin riċenti mingħajr ma kienet indikata fl-iskema bl-i*splay*.

5.3.3. Il-Kunsill ikkonferma u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.4.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Fortizza (T/3/2/Vol XV)

5.4.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 9 tat-13 ta' Jannar 2020, meta ġie deċiż li għandu jintbagħat kwestjonarju lir-residenti ta' Triq il-Fortizza fil-parti bejn Triq il-Bebuna u Triq in-Nases. Tqassmu 28 kwestjonarju filwaqt li kien rispons minn ħames residenti biss, li kollha wieġbu li jaqblu.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-arranġament eżistenti għandu jinżamm.

### 5.5.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XV)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 21 ta' Jannar 2020 li aċċenna għal inċident tat-traffiku li ġara fl-20 ta' Jannar 2020 bil-lejl, meta vettura spaċċat telgħet il-bankina u ħabtet fil-ħajt ta' ġnien li jinsab faċċata ta' Misraħ tas-Salib. L-istess persuna pproponiet li ssir *speed camera* bħala deterrent.

5.5.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li f'Diċembru 2005 kienet saret talba lill-Transport Malta f'dan is-sens.

5.5.4. Il-Kunsill osserva li *speed cameras* jiġu nstallata f'toroq arterjali fejn l-ispiża normalment tkun tiġġustifika l-ispejjeż involuti.

### 5.6.1. Tismija ta' sqaq u moll li jaqbdu ma' Triq il-Marfa (T/4/1/Vol III)

5.6.2. Saret referenza għal talba li mressqa mir-residenti ta' sqaq li jinsab bejn it-trejqa li tagħti għall-moll tat-Tunnara u Dawret il-Mellieħa. L-istess residenti qed jissuġġerixxu li dan jingħata l-isem ta' "Sqaq Stejfen" kif isibuħ attwalment.

5.6.3. Is-Segretarju ppropona li l-moll magħruf tat-Tunnara jsir magħruf b'dan isem b'mod uffiċjali.

5.6.4. Il-Kunsill qabel li l-isqaq imsemmi fil-minuta 5.6.2. aktar 'il fuq għandu jkun magħruf uffiċjalment bħala "Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Marfa", filwaqt li kien approvat is-suġġeriment mressaq skont il-minuta 5.6.3.

### 5.7.1. Sistema ta' *one-way* fil-Manikata (T/3/2/Vol XV)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Marzu 2020, fejn il-Kunsillier M. Abela talab tiġi kkunsidrata mill-ġdid it-talba sabiex ikun hemm sistema ta' *one-way* ċirkulari fil-Manikata. Is-Sur M. Abela talab ukoll li ssir tabella STOP għal min ikun tiela' minn Trejqet il-Ħarrub, kif ukoll l-introduzzjoni ta' miżuri li jnaqqsu l-veloċità li Transport Malta tista' tapprova.

5.7.3. Il-Kunsillier I. Castillo tenna li huwa jaqbel mal-introduzzjoni ta' sistema *one-way* ċirkulari, u ma jarax problema lanqas bil-karozzi tal-linja, peress li *coaches* diġa jgħaddu mit-toroq involuti.

5.7.4. Il-Kunsill innota li l-proposta tal-*one-way* fil-Manikata ġiet diskussa qabel anke mal-awtoritajiet kompetenti u ma twettqitx minħabba li tikkawża aktar diffikultajiet mis-sitwazzjoni attwali, fosthom fir-rigward tar-rotot tal-karozzi tal-linja.

5.7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li jsiru sinjali STOP fi Triq il-Mejjiesa fuq in-naħa li tagħlaq, kantuniera ma' Trejqet il-Ħarrub sabiex tingħata d-dritta lil min ikun tielgħa.

5.7.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet illi minkejja fatt li Triq il-Wilġa u Trejqet il-Ħarrub ingħataw it-tarmak, baqgħu ma sarux sinjali tal-karreġġjata, u għaldaqstant is-sewwieqa qed jitħallew jiddeċiedu huma dwar x'manuvri jaddottaw fis-sewqan, partikolarment f'salib it-toroq.

5.7.7. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li ssir xi forma ta' *centre-strip* jew linji f'nofs Trejqet il-Ħarrub sabiex traffiku li jkun tielgħa ma jaqtax dritt għal ġo Triq il-Mejjiesa.

5.7.8. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi mtennija t-talba sabiex isiru s-sinjali tal-karreġġjata fiż-żewġ toroq imsemmija fil-minuta 5.7.5. u jekk ikun hemm ħtieġa anke ssir laqgħa fuq il-post.

### 5.8.1. MCAST - *Educational Outreach Services* (E/3/1/Vol IV)

5.8.2. Saret referenza għall-imejl datat 2 ta' Marzu 2020 mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn għarrfet li d-diriġenti tal-MCAST għandhom l-intenzjoni li jorganizzaw laqgħat informattivi dwar tagħlim tul-il ħajja. Il-Mellieħa ġiet magħżula għal dawn it-tip ta' laqgħat.

5.8.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 5.9.1. *Play equipment* fil-lukanda Mellieħa Bay (P/4/6/Vol VI)

5.9.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Marzu 2020 mibgħut mill-operatur tal-Mellieħa Bay Resort li jixtiequ jagħmlu għotja ta' *play equipment* u ankra antika li jeħtieġ jitneħħew mis-sit tal-Mellieħa Bay Hotel qabel din titwaqqa' fil-ġejjieni qarib.

5.9.3. Kien hemm qbil li l-*play equipment* jitpoġġa fl-ispazju li diġa huwa ċċanjat bil-lastiku illi għadu mhux okkupat . Huwa ssuġġerixxa li l-ankra titpoġġa fil-Mużew tat-Tunnara.

### 5.10.1. Danni sofferti fuq vettura reg. JGR 338 fil-Bajja tal-Mixquqa (D/5/Vol II)

5.10.2. Inqara imejl datat 19 ta' Frar 2020 fejn is-sid ta' vettura Reg. JGR 338 qabdet kurduna miksura fil-Bajja tal-Mixquqa. Skont rapport tal-Pulizija, l-inċident ġara fil-15 ta' Frar 2020, filwaqt li ntalab s-servizz tal-irmonk biex il-vettura in kwistjoni tinġarr minn fuq il-post. Dan fil-fatt ma ngħatax, filwaqt li kien hemm ittra f'dan is-sens mill-kumpanija li tipprovdi s-servizz. Skont l-irċevuta sottomessa kellu jinbidel *tyre* li sewa €239.

5.10.3. Il-Kunsill innota li l-ħsara ndikata fir-ritratt kienet tinvolvi l-bankina, fejn il-vettura qatt ma kellha tinstaq.

### 5.11.1. Aċċess mill/għall-Mellieħa f'każ ta' emerġenza (T/3/2/Vol XV)

5.11.2. Is-Sindku aċċenna għall-konġestjoni totali li rriżultat fit-toroq kollha lejn il-Mellieħa fl-24 ta' Frar 2020, minħabba nċident tat-traffiku fix-Xemxija. Huwa qal li jkun għaqli li jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex jitfassal pjan ta' kontinġenza li jiġi applikat f'sitwazzjonijiet simili, li mhumiex daqshekk rari.

5.11.3. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal imejl datat 25 ta' Frar 2020 li rrefera għall-istess inċident, fejn intqal li ħafna sewwieqa ippruvaw jagħmlu użu mit-triq tal-Miżieb li traffiku fiha kien staġnat għal kollox minħabba li din mhijiex wiesgħa biżżejjed biex tieħu volum kbir ta' traffiku f'direzzjonijiet opposti. Fl-istess imejl ġie propost li li t-triq tal-Miżieb issir *one-way* lejn Triq Għajn Tuffieħa, filwaqt li Triq il-Mellieħa ssir *one-way* lejn il-Mellieħa.

5.11.4. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li Triq il-Miżieb titwessa' fil-partijiet li ma jinvolvux it-teħid ta' raba. Irrakkomanda wkoll li jkun hemm sistema ta' *intelligent signage* fit-triq tal-Miżieb kantuniera ma' Triq Għajn Tuffieħa, u ma' Triq Lewis Wettinger, kif ukoll fl-Imbordin u l-Manikata. Din is-sistema tkun tista' tiġi attivata kull darba li t-Telgħa tax-Xemxija u t-Telgħa ta' Selmun jkollha tingħalaq.

5.11.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-Miżieb huwa sit skedat bħala Natura 2000 u għalhekk it-twessiegħ tat-triq jista' ma jkunx permess.

5.11.6. Il-Kunsillier E. Bartolo tenna l-proposta li huwa kien diġa ressaq permezz ta' imejl datat 25 ta' Frar 2020, sabiex issir laqgħa ma' Transport Malta bil-għan li jitfassal pjan ta' kontinġenza li jkun jista' jiġi applikat mill-Pulizija meta tinqala l-ħtieġa.

5.11.7. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta li essenzjalment jipproponu li t-triq tal-Miżieb issir *one-way* lejn Triq Għajn Tuffieħa, filwaqt li Triq il-Biedja u Triq il-Mellieħa jsiru *one-way* lejn il-Mellieħa, filwaqt li Triq il-Wilġa u Triq il-Manikata jibqgħu *two-way* sabiex jippermettu ħruġ mill-Manikata fid-direzzjoni tal-Imġarr u San Pawl il-Baħar.

### 5.12.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VI)

5.12.2. Inqara imejl datat 3 ta' Marzu 2020, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' *Easter Egg Hunt* miftuħa għall-pubbliku, u li ser tittella' fil-11 ta' April 2020.

5.12.3. Is-Sindku D. Vella rrefera wkoll għal imejl datat 8 ta' Marzu 2020, fejn l-imsemmija għaqda ser tipparteċipa fil-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art organizzat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, li ser isir f'April fil-Furjana.

5.12.4. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €400 fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

### 5.13.1. Tmiem ta' *bike ride* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (A/6/3/2/Vol 88)

5.13.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-imejl datat 18 ta' Frar 2020 fejn intalab permess sabiex tintemm *bike ride* nhar il-Ħadd 19 ta' April 2020 fil-post imsemmi.

5.13.3. Il-Kunsill ma approvax li l-attività ssir fil-misraħ peress li ż-żona hija waħda pedonali.

### 5.14.1. Projbizzjoni ta' tipjip fil-bajjiet (B/5/Vol IV)

5.14.1. Is-Sindku għarraf li l-Ministeru tal-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima għandhom l-intenzjoni li jikkontrolla t-tipjip f'ċerti bajjiet, fosthom fil-Bajja tal-Mixquqa. Dan billi l-*filters* tagħhom qed jispiċċaw fir-ramel jew fil-baħar, kif ukoll qed jiġi kkawżat dannu għas-saħħa anke għal min ma jpejjipx. Is-Sur D. Vella kompla jgħid li l-Ministeru qed jaħseb fuq żewġ binarji, li jinvolvu projbizzjoni totali, jew waħda parzjali bl-indikazzjoni ta' postijiet fejn jista' isir titpjip. Il-Kunsill intalab jindika kif jaħsibha dwar din intenzjoni.

5.14.2. Il-Kusillier E. Bartolo qal li huwa jaqbel li m'għandux ikun hemm projbizzjoni totali mill-ewwel u għalhekk għal ċertu perjodu għandu t-tipjip għandu jitħalla jsir biss f'postijiet indikati għal dan il-għan.

5.14.3. Il-Kunsill qabel li huwa favur projbizzjoni totali, iżda kemm-il darba jkun hemm restrizzjoni parżjali, il-postijiet fejn it-tipjip ikun permess għandhom jiġu ndikati b'mod li ma jiġux agevolati jew deskriminati stabbilimenti kummerċjali li joperaw fil-bajja.

## 5.15.1. Tnedija tal-Miżura 1 taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għal-Iżvilupp Rurali **(P/10/35)**

5.15.2. Is-Sindku D. Vella qal li fis-16 ta' Marzu 2020 fil-5.30 pm il-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral ser tniedi din il-miżura li tinvolvi restawr ta' beni artistiċi u kulturali. Huwa qal li din l-attività ser isseħħ fis-Sala tal-Kunsill.

5.15.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fis-Seduta Nru. 3 tat-12 ta' Awwissu 2019 kien ġie deċiż li għandha tiġi rrestawrata n-niċċa tal-Madonna fil-Marfa li ġġarfet bl-elementi. Huwa qal li mill-indikazzjonijiet li għandu, din l-inizjattiva hija eliġibbli taħt din il-miżura.

5.15.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 5.16.1. Ħarsien tal-qniefed **(T/3/2/Vol XV)**

5.16.2. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li jitwaħħlu tabelli li jindikaw il-preżenza tal-qniefed fit-Telgħa ta' Selmun, fit-Triq tal-Miżieb u fi Triq l-Armier ġewwa l-Aħrax.

5.16.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li din l-inizjattiva kienet ittieħdet xi żmien qabel minn Nature Trust u jista' ikun li l-postijiet imsemmija huma diġa koperti.

5.16.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru l-verifiki meħtieġa biex dawn il-tabelli jitwaħħlu fuq il-post.

## 5.17.1. Skema dwar sistemi ta' CCTV **(C/9)**

5.17.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar is-suġġett t'hawn fuq fis-Seduta Nru. 8 tas-16 ta' Diċembru 2019, kif ukoll għal imejl datat 26 ta' Frar 2020 fejn ir-Reġjun Tramuntana talab lill-Kunsilli fi ħdanu sabiex jindikaw postijiet fejn jistgħu jsiru żewġ *cameras*.

5.17.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ppropona li dawn jiġu nstallati fil-Park tal-Familja sabiex issir sorveljanza fuq il-*multi-purpose court* u l-korsa, kif ukoll fil-parti fejn hemm l-*open air gym*.

5.17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti

## 5.18.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill **(A/5/3/1/Vol XVI)**

5.18.2. Is-Sindku D. Vella ppropona li s-serata tat-23 ta' Lulju 2020, issir taħt il-patroċinju tas-Segretarju Parlamentari tas-Servizzi Finanzjarji u l-Ekonomija Diġitali, l-Onor. Clayton Bartolo. Huwa għamel din il-proposta minħabba li r-rabta tal-Onor. Bartolo mal-Mellieħa, filwaqt li serva bħala Kunsillier u Viċi-Sindku fil-Kunsill Lokali.

5.18.3. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li l-attività tkun taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta peress li l-Eċċ. Tiegħu George Vella huwa fl-ewwel sena tal-presidenza tiegħu. Huwa ssuġġerixxa li l-għażla m'għandhiex tmur fuq persuni oħra, kemm-il darba jkun hemm konferma minn naħa tal-President.

5.18.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.18.2.

## 5.19.1. Kampanja dwar is-separazzjoni tal-iskart **(K/6/11)**

5.19.2 Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li fit-28 ta' Frar 2020 saret laqgħa ma' Sur Matthew Muscat mill-Wasteserv, fejn fost materji oħra ġie diskuss il-post fejn qed jipparkja it-trakk illi

jiġbor polystyrene (jablo), plastik, ħġieġ, karta, kartun, metal, żejt tat-tisjir, bozoz, u tessuti, fost oħrajn. Attwalment dan qiegħed jiġi pparkjart f'Misraħ il-Parroċċa, fejn il-konkorrenza mill-pubbliku kienet baxxa ħafna. Fl-istess laqgħa ġie propost li t-trakk jiġi pparkjat fi Triq l-Għoljiet biswit Ġnejnet l-Emigranti, fejn ikun aktar viżibbli mill-pubbliku.

5.19.3 Il-Kunsill approva l-post indikat.

5.19.4 Is-Sinjura R. Bartolo Cutajar għarrfet ukoll li fl-istess laqgħa kien miftiehem li tinġabar lista ta' residenti li għandhom ma ġabrux il-*bins* għas-separazzjoni tal-iskart sabiex jintalbu lill-Wasteserv u jkunu jistgħu jingħataw mill-uffiċċju tal-Kunsill.

5.19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. Ħtieġa ta' *crash barriers* f'Paradise Bay (T/3/2/Vol XV)

5.18.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-inċident li ġara fil-25 ta' Frar 2020 fit-trejqa li tagħti fuq ir-riħ ta' Paradise Bay, fejn trakk waqa' diversi metri. Hija pproponiet li ssir *crash barrier* tal-ħadid sabiex tilqa' għal dan it-tip ta' nċidenti.

5.18.3. Il-Kunsill approva li ssir crash barrier fejn hemm il-*winch* għall-bajja.

## 5.19.1. Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena (P/5/2/Vol II)

5.19.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għal sit ta' kostruzzjoni li jinsab biswit it-taraġ imsemmi. Huwa spjega li l-ħajt illi kien qed iżomm it-terrapien ta' taħt it-taraġ, issa m'hemm xejn taħtu. Dan irrenda t-taraġ perikoluż u kellu jingħalaq għall-pubbliku. Minkejja dan, il-kuntrattur għabba lit-taraġ bil-materjal tal-kostruzzjoni u b'hekk żied il-periklu li jista' jaqa'.

5.19.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa kellem lill-iżviluppatur waqt li kien qed isir l-*Environment Visual Audit* f'Santa Marija Estate mal-Pulizija tal-Komunità.

5.19.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-iżviluppatur allega li kellu l-permess mill-Kunsill biex jagħmel dan.

5.19.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ebda permess ma nħareġ, u fil-fatt intalab l-intervent tal-Pulizija tal-Komunità. Sussegwentement l-iżviluppatur għamel kuntatt miegħu u għarfu li sa Ġunju 2020 huwa jkun bena mill-ġdid il-ħajt ta' mat-taraġ u allura t-taraġ ikun jista' jinfetaħ għall-pubbliku. Is-Sur C. Debono qal li qatt ma nħareġ permess la biex jitqiegħed makkinarju u/jew materjal tal-kostruzzjoni u lanqas biex jiġi okkupat it-taraġ. Intant sar anke rapport lill-*Building Regulation Office* dwar l-istat tat-taraġ.

5.19.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsir kuntatt mal-iżviluppatur sabiex jiġi stabbilit meta ser ikun lest ix-xogħol, u jekk ikun hemm ħtieġa anke ssir żjara fuq il-post mill-perit tal-Kunsill.

## 5.20.1. Qsari fi Triq il-Madonna ta' Fatima (P/4/17)

5.20.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li l-qsari illi kien hemm fi triq imsemmija, bejn Triq il-Kappillan Magri u Triq Ġorġ Borġ Olivier jeħtieġ li jitrawwmu mill-ġdid, peress li ddeterjoraw.

5.20.3. Is-Segretarju ħa nota sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

## 5.21.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XV)

5.21.2. Il-Kunsillier I. Castillo ressaq lista ta' 22 firmatarju li qed jitolbu sabiex jiġu ntrodotti miżuri bil-għan li titnaqqas il-veloċità tal-vetturi fi Triq il-Qortin.

5.21.3. Is-Sindku kkummenta li wħud mir-residenti mhumiex konxji li l-introduzzjoni ta' miżuri biex titnaqqas il-veloċità tista' tfisser il-ġenerazzjoni ta' storbju li jdejjaq lill-istess residenti. Is-Sur

D. Vella qal li l-lista mhijiex rappreżentattiva biżżejjed u jista' jkun li hemm firmatarji fl-istess petizzjoni li qed jassumu illi l-miżuri mhux ser ikunu qrib ir-residenza tagħhom.

5.21.4. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa qed jipproponi li tiġi segwit l-proċedura normali permezz ta' kwestjonarju, kif sar f'talbiet simili.

5.21.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja teħtieġ aktar diskussjoni, bil-għan li jiġu stabbiliti l-mostoqsijiet li għandhom isiru fil-kwestjonarju, ossija:

(a) it-tip ta' miżuri li għandhom jiġu ntrodotti; u

(b) il-postijiet eżatt fejn dawn għandhom jiġu sabiex ikunu effettivi.

### 5.22.1. Spusstjar ta' arblu fi Triq ir-Rattan **(E/1/3/Vol IV)**

5.22.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għall-arblu ta' lampa tat-triq (Y091) li jinsab bejn Triq il-Fortizza u Triq Ta' Masrija. Huwa qal li sid il-fond illi quddiemu hemm l-arblu in kwistjoni qed jitlob li dan jitmexxa b'madwar 15-il ċentimetru sabiex jiġi eżatt bi dritt il-ħajt tal-appoġġ.

5.22.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li hija qajmet din it-talba permezz ta' imejl li hija bagħtet lis-Segretarjat tal-Kunsill fit-13 ta' Frar 2019.

5.22.4. Is-Segretarju qal li eżattament wara li saret din it-talba, is-sid tal-fond għadda pajp eżatt fl-istess post fejn talab li jiġi spusstjat l-arblu u minkejja dan baqa' jsosstni t-talba tiegħu. Kompla jgħid li ttieħed il-parir tal-kuntrattur konċernat, li minn naħa tiegħu sosstna li huwa ma jieħux ir-riskju li jtaqqab il-bankina bil-preżenza tal-pajp imsemmi u l-*interception trap* tad-drenaġġ li tappartjeni l-fond li hemm biswit.

5.22.5. Is-Sur I. Castillo qal li huwa appella lil min għamel it-talba sabiex jiftaħ l-ispazju fil-bankina bejn il-pajp u l-*interception trap* sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx spazju biżżejjed biex tgħaddi il-baromina li tħaffer għall-arbli. Huwa qal li mill-esperjenza li għandu fuq dan ix-xogħol, ma jarax li l-ispustjar għandu jkun problema.

5.22.6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li s-sid ma kellu ebda dritt imiss il-bankina, filwaqt li l-pożizzjoni addottat mill-Kunsill dwar l-ispustjar tal-arblu kienu ibbażata fuq il-parir tal-kuntrattur.

5.22.7. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir spezzjoni fuq il-post fil-preżenza tal-kuntrattur u l-*Contract Manager*.

### 5.23.1. Aġġornament tal-*mobile app* tal-Kunsill **(I/1/3/Vol VI)**

5.23.2. Is-Sindku ppropona li wieħed għandu jara x'tiġdid u titjib għandu jsir fil-*mobile app* tal-Kunsill u għalhekk ippropona li jiġu jdentifikati l-fatturi sabiex tiġi stabbilita l-ispiża nvoluta.

5.23.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 5.24.1. Tabella tal-ipparkjar bil-ħin fi Triq Ġorġ Borg Olivier **(T/3/2/Vol XV)**

5.24.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għat-tabella msemmija li tinsab 'il fuq mil-kantuniera ma' Triq il-Qalb Imqaddsa. Huwa qal li din qed tiżgwida lis-sewwieqa, peress li għandha tkun hekk kif wieħed jaqbeż l-area mmarkata bħala KEEP CLEAR, ossija 'l isfel mill-kantuniera msemmija.

5.24.3. Ittieħdet nota sabiex it-tabella tiġi spusstjata kif indikat.

### 5.25.1. Ħarġiet kulturali **(A/5/5/Vol VII)**

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa li jmiss ssir fil-Mużew tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali, il-Furjana fis-26 ta' Marzu 2020.

5.25.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.26.1. Taħditiet għaż-żgħażagħ (Z/1/Vol V)

5.26.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għall-minuta 5.30.1. tas-seduta preċedenti u qal li t-taħdita dwar is-c*yberbullying* li saret fit-28 ta' Frar 2020 kien hemm attendenza tajba għaliha, tant li anke aċċenna għaliha l-Ministru tal-Intern l-Onor. Byron Camilleri permezz tal-media soċjali fejn semma li din kienet eżempju ta' kollaborazzjoni bejn il-Pulizija u l-Kunsilli Lokali għall-benefiċċju tal-komunità.

5.26.3. Is-Sur K. Buttigieg ppropona li t-tieni taħdita issir fis-Sala tal-Kunsill fis-27 ta' Marzu 2020 fit-8.00pm u tkun titratta d-droga u l-alkoħol, bis-sehem ta' kelliem mir-*Rapid Intervention Unit* tal-Pulzija u l-konsulent dwar il-Pulizija tal-Komunità, is-Sur Christopher Bull.

5.26.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

5.26.5. Is-Sur K. Buttigieg qal ukoll li huwa ġie kkuntattjat mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mis-Servizzi Finanzarji u l-Ekonomija Diġitali dwar l-intenzjoni tiegħu li jinħatar Ambaxxatur dwar *Cyberbullying* li jkun jista' jagħti taħditiet liż-żgħażagħ.

### 5.27.1. Attività sportiva flimkien mal-Malta Employees Sports Association (S/6/Vol IV)

5.27.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa ġie avviċinat mill-organizzazzjoni msemmija li qed tikkolabora mal-Kunsilli ta' lokalitajiet differenti sabiex jsiru ġirjiet ta' ħames kilometri għall-impjegati tan-negozji. Attivitajiet simili diġa saru mal-Kunsill tal-Belt Valletta u tal-Birgu. Qed jiġi propost li l-ġirja fil-Mellieħa ssir fi Triq l-Armier nhar l-Erbgħa 15 ta' April 2020 fil-5.00 pm.

5.27.3. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-attività sakemm l-involviment finanzjarju ma jkunx jaqbeż €300, filwaqt li permessi u ħlas tal-Pulizija u/jew Uffiċċjali tal-Komunità jkun a karigu tal-Assoċjazzjoni. Intalab ukoll sabiex ssir talba formali minn naħa tal-Assoċjazzjoni.

### 5.28.1. *Sports Rally* (S/4/2/Vol IV)

5.28.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa kellu kuntatti mal-Mellieħa Sports Club dwar l-iSports Rally li kien jiġi organizzat sal-2002. Huwa aċċenna li fl-Estimi Annwali 2020 kien hemm allokazzjoni ta' €2,000, filwaqt li permezz tal-Iskema *Young Achievers* intalbet għotja ta' €3,000. Il-MSC qed jipproponu li l-avveniment jseħħ fl-Lulju bejn l-istaġuni ta' diversi dixxiplini sportivi. Is-Sur K. Buttigieg qal li għaddejjin kuntatti dwar it-tagħmir meħtieġ u minn fejn dan jista' jinkiseb jew jinkera.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.29.1. Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

5.29.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li d-Dipartment tal-Kura Primarja u ċ-Ċentru tal-Anżjanità Attiva qed jikkordinaw mal-Kunsill taħdita dwar riskji marbuta mal-artrite. L-intenzjoni hija li din issir fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fit-30 ta' Marzu 2020 fl-10.00am.

5.29.3. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet li hija ġiet mitluba sabiex il-Kunsill jikkordina taħditiet minn professjonisti, bħal nutara, avukati u periti, għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

5.29.4. Il-Kunsillier I. Castillo qal li jkun utli wkoll illi uffiċjali minn entitajiet Gvern jinfurmaw lill-anzjani dwar servizzi li jappellaw għalihom.

5.29.5. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Mellieħa ħa l-"*Best Active Aging Centre Award 2019*", wara li kien ġie nnominat mid-Dipartiment li jaqa' taħtu.

**5.30.1. *Workshop* tal-*EDEN Network*** **(T/12/2/Vol II)**

5.30.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fis-7 ta' Frar 2020 hija attendiet *workshop* organizzat mill-Ministeru tat-Turiżmu dwar kif tista' tingħata promozzjoni lill-EDEN Network bil-għan li aktar lokalitajiet Maltin ikunu aktar konxji tal-benefiċċji li joħorġu minnu u jissieħbu fiħ. Il-*workshop* kien faċilitat mis-Sinjuri Moira Pisani u Kim Vella mill-istess Ministeru. Il-Kunsilli rappreżentati kienu tal-Qrendi u Ħaż-Żabbar. Il-Mellieħa hija kkunsidrata bħala l-aktar membru attiv fl-EDEN f'Malta u Għawdex.

5.30.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.31.1. Postijiet riżervati għall-persuni b'diżabilità f'Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Kbira (P/8/2/Vol IV)**

5.31.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li saritlu proposta sabiex ikun hemm żewġ postijiet alternattivi għall-vetturi ta' persuni b'diżabilità meta ma jkunx jista' isir użu minn dawk it-tnejn li jinsabu fejn id-daħla għall-Belveder tas-Sur.

5.31.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li kien hemm ukoll imejl datat 5 ta' Marzu 2020 mibgħut mill-Kunsillier I. Castillo f'dan is-sens.

5.31.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li jkun hemm post riżervat ieħor fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq Salvinu Vella, u ieħor kantuniera ma' Triq it-Tramuntana.

5.31.5. Fid-dawl tal-fatt li tneħħa l-post riżervat temporanjament fi Triq Salvinu Vella, biswit il-knisja, il-Kunsill qabel li għandu jsir post simili fi Triq San Pawl faċċata ta' Triq Salvinu Vella quddiem is-sede tas-Società Filarmonica La Vittoria.

5.31.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irrimarkat li jeżistu postijiet riżervati għall- persuni b'diżabilità f'Misraħ il-Parroċċa u fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq in-Nasses li mhumiex wiesgħin biżżejjed sabiex jinfetħu l-bibien tal-vettura mingħajr xkiel.

5.31.7. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi verifikat dwar jekk il-postijiet imsemmija għandhomx spazju adekwat, u jekk dan ma jkun il-każ, għandu jittieħed mill-ispażju ta' biswithom.

**6.1. Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier** **(T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)**

6.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li saru rappreżentazzjonijiet bil-kitba mal-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali fejn ġew konkretizzati l-proposti tal-Kunsill intiżi li jnaqqsu t-traġitt tal-karozzi tal-linja fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Kompla jgħid li dawn ġew mgħoddija lil Transport Malta sabiex iservu bħala bażi ta' diskussjoni fl-laqgħa bejn il-partijiet konċernati.

6.3. Is-Sur J. Buttigieg kkummenta li wara l-laqgħa li saret mal-Pulizija tal-Komunità sar rondi darba biss, iżda jeħtieġ li dan ikun regolari biex jitħalla l-effett mixtieq. Ippropona wkoll li ssir laqgħa mas-Supretendent tal-LESA sabiex huma wkoll jgħinu f'dan ir-rigward.

6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella, illi tgħid:-**

**"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*, ma` l-Environmental Landscapes Consortium Ltd għaddielu t-terminu tiegħu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti MLC 10/2019 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2020, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3061; u**

**Billi saret evalwazzjoni tas-sitt offerti li ġew sottomessi bil-għajnuna ta' rapport dwar konformità mal-Linji Gwida Nazzjonali dwar il-*Green Public Procurement*, fejn irriżulta**

**li l-offerta (123320) ta' Sandro Caruana kienet l-aktar waħda bi prezz baxx u konformi mar-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi inklużi fid-dokument tal-offerta;**

**Billi l-offerent Sandro Caruana, permezz ta' notifika datata 25 ta' Frar 2020, irrifjuta li jonora l-offerta tiegħu minħabba raġunijiet li huwa ta;**

**Jirriżolvi illi l-kuntratt għandu jingħata lit-tieni offerent ippreferut, is-Sur Alistair Bezzina, bl-offerta tiegħu 123318, li tinvolvi spiża globali għal erba' snin ta' €66,720, eskluża l-V.A.T." (K/6/3/Vol III)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

### 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini, illi tgħid:-

**"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għaż-Zamma ta' Latrini Pubbliċi għaddielu t-terminu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti MLC 8/2019 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2020, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3053; u**

**Billi saret evalwazzjoni tal-erba' offerti li ġew sottomessi bil-għajnuna ta' rapport dwar konformità mal-Linji Gwida Nazzjonali dwar il-*Green Public Procurement*, fejn irriżulta li l-offerta 120512 kienet l-aktar waħda li ġabet punteġġ għoli, liema punteġġ jiddependi minn diversi kriterji approvati mid-Dipartiment tal-Kuntratti, marbuta mar-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi inklużi fid-dokument tal-offerta, kif ukoll l-ispiża;**

**Jirriżolvi illi l-kuntratt għandu jingħata lill-Antoine Fenech, bl-offerta tiegħu li tinvolvi spiża annwali ta' €57,659.12, eskluża l-V.A.T." (L/3/Vol II)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela.

### 9.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 9/2019, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi titjib fiċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni dwar it-Tunnara fil-Batterija ta' Westreme;**

**Billi saru rapporti tekniċi minn inġinier u perit u evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tal-unika offerta li saret, skont rapport datat 27 ta' Frar 2020; u**

**Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2020 ġew ivvutati fondi fil-Vot 7505 bis-saħħa ta' finanzjament approvat taħt il-Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020 skont ftehim bir-referenza ERDF.PA5.0115;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Aretrop Ltd, illi rriżulta li ssottomettew l-inqas offerta finanzjarja, filwaqt li kienu wkoll konformi mal-kriterji stabbiliti fid-dokument tal-offerta.". (P/10/30)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

### 10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella li tgħid:

**"Billi ċerti assi permanenti fil-kategorija ta` Tagħmir tal-Uffiċċju u Għamara, ma baqgħux jintużaw minħabba li qdiemu, liema assi ġew identifikati skont il-lista li tidher hawn taħt:**

| Referenza ta` l-Assi Fissi | Dettalji | Valur Originali ta` l-Assi |
|---|---|---|
| **E011** | ***Refridgerator*** | **€221.29** |
| **E067** | ***Computer Unit*** | **€698.81** |
| **E069** | ***Laser Printer*** | **€714.65** |
| **E073** | ***Computer Tower*** | **€645.24** |
| **E075** | ***Computer Unit*** | **€862.00** |
| **E079** | ***Note Book Computer*** | **€525.00** |
| **F132-134** | ***Wall Clocks*** | **€44.10** |
| **F206** | ***Swivel Chair*** | **€450.00** |
| | **Total:** | **4,161,09** |

**Il-Kunsill jirriżolvi li dawn jinqatgħu mill-inventarju skont il-Proceduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), Paragrafu 1.16b.01."**

**Billi l-proġetti msemmija hawn taħt kellhom jitwarrbu minħabba raġunijiet li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom, liema proposti jinkludu:**

| | |
|---|---|
| **Vot: 7502** | **Kisi mill-ġdid ta' Triq l-Armier iż-Żgħir** |
| **Vot: 7520** | **Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ il-Parroċċa (Manikata) flimkien ma' parkeġġ taħt il-livell tagħha.** |

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-ispejjeż li laħqu saru fuq it-tfassil tagħhom, m'għandhomx jibqgħu jidhru fuq il-kotba bħala spiża fuq assi li għandhom ma ġewx kapitalizzati.". (F/1/2/Vol VIII)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

## 11.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-

**"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u**

**U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 7, 8, u 9 tat-13 ta' Novembru 2019, 16 ta' Diċembru 2019, u 13 ta' Jannar 2020, rispettivament, kif ukoll saru żewġ laqgħat tal-lokalità separati għar-residenti fil-Mellieħa u l-Manikata, fid-29 u t-30 ta' Jannar 2020, skont ma jitlob l-imsemmi Att;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2020 u l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2020/2024, skont l-abbozz finali mressaq.".**
**(F/1/31)**

11.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

12.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 6 ta' Marzu 2020.

12.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

12.4. Tressqet wkoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn l-1 u s-27 ta' Frar 2020

12.5. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-8 ta' Frar u s-6 ta' Marzu 2020.

12.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.15 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' 2020 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**